Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,000, 13 ta' Ottubru, 2000
Taqsima B

A.L. 209 ta' l-2000

ATT DWAR SERVIZZI TA' L-IVVJAĠĠAR U TAT-TURIŻMU GĦAL MALTA (KAP. 409)

Avviż ta' bidu fis-seħħ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 1 ta' l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru għat-Turiżmu stabbilixxa l-11 ta' Ottubru, 2000 bħala d-data meta dawn id-dispożizzjonijiet u għanijiet li ġejjin ta' l-Att għandhom jibdew iseħħu:

(i) is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 12 safejn dan jirreferi għall-paragrafu (b) tat-Tieni Skeda; u

(ii) il-paragrafu (b) tat-Tieni Skeda.